A.L. 383 tal-2011

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2011 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-*Income* mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2011 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-*Income* mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, u dan l-Ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-*Income* mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". A.L. 123.06

Emendi jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-emendi għall-Ordni prinċipali, kif speċifikati fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni, saru mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Protokoll speċifikat fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni beda jseħħ fid-19 ta' Mejju, 2011.

SKEDA

(Artikolu 2)

Protokoll

Li jemenda l-Ftehim tat-8 ta' Marzu 2001

bejn

ir-Repubblika ta' Malta

u

r-Repubblika Federali tal-Ġermanja

dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja

dwar Taxxi fuq l-*Income* u fuq il-Kapital

Ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja,

Billi jixtiequ jagħmlu Protokoll li jemenda l-Ftehim tat-8 ta' Marzu 2001 bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika ta' Malta dwar Ħelsien min Taxxa Doppja dwar Taxxi fuq l-*Income* u fuq il-Kapital,

Ftehmu kif ġej:

Artikolu I

Minflok l-artikolu 26 tal-Ftehim għandu jidħol dan li ġej:

"Artikolu 26

Skambju ta' Informazzjoni

(1) L-awtoritajiet kompetenti tal-iStati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tidher li hi rilevanti għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew għall-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet domestiċi għar-rigward ta' taxxi ta' kull xorta u tismija imposti f'isem l-iStati Kontraenti, ta' xi Land jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom, sakemm it-taxxa li ssir taħthom ma tkunx tmur kontra l-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artikoli 1, 2 u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 27.

(2) Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi ttrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni li tinkiseb taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-iStat u għandha tiġi

żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) involuti fl-istima jew fil-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċiżjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-paragrafu 1, jew is-sorveljanza ta' dak kollu hawn qabel imsemmi. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk ir-raġunijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. Minkejja d-dispożizzjonijiet hawn aktar qabel imsemmija, l-informazzjoni tista' tintuża għal raġunijiet oħra meta dik l-informazzjoni tkun tista' tintuża għal dawk l-għanijiet l-oħra taħt il-liġijiet taż-żewġ Stati u l-awtorità kompetenti tal-iStat li jkun qiegħed jissupplixxi l-informazzjoni jawtorizza dak l-użu.

(3) F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak jew tal-iStat Kontraenti l-ieħor;

b) li jissupplixxi informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali tal-amministrazzjoni ta' dak jew tal-iStat Kontraenti l-ieħor;

ċ) li jissupplixxi informazzjoni li tkun tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess tal-kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

(4) Jekk tintalab informazzjoni minn Stat Kontraenti kif imniżżel f'dan l-Artikolu, l-iStat Kontraenti l-ieħor għandu juża l-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni li jkollu biex jikseb l-informazzjoni meħtieġa, ukoll jekk dak l-iStat l-ieħor jista' ma jkunx jeħtieġ dik l-informazzjoni għar-raġunijiet ta' taxxa tiegħu nnifsu. L-obbligu li hemm fis-sentenza ta' qabel hu soġġett għal-limitazzjonijiet tal-paragrafu 3 iżda f'ebda każ m'għandhom limitazzjonijiet bħal dawk jiftiehmu bħala li jippermettu lil xi Stat Kontraenti li jirrifjuta li jissupplixxi informazzjoni unikament għaliex ma jkollu ebda interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

(5) F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 jiftiehmu bħala li jippermettu lil Stat Kontraenti jirrifjuta li jissupplixxi informazzjoni unikament għaliex l-informazzjoni tkun qegħda għand xi bank, istituzzjoni finanzjarja oħra, *nominee* jew persuna li tkun qegħda taġixxi fil-kapaċità ta' aġenzija jew fiduċjarja jew għaliex ikollha x'taqsam mal-interessi ta' proprjetà li xi persuna jkollha.".

Artikolu II

Minflok in-Numru 4 tal-Protokoll mal-Ftehim għandu jidħol dan li ġej:

"4. B'riferenza għall-Artikolu 26:

(1) Jekk l-awtorità kompetenti li tkun qegħda tagħmel it-talba tikkonferma li l-informazzjoni mitluba tkun waħda "li tista' tidher li hi rilevanti" għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 26 tal-Ftehim, l-awtorità kompetenti mitluba għandha taċċetta din il-konferma sakemm it-talba tkun tissodisfa dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

a) l-identità tal-persuna li tkun qegħda tiġi eżaminata jew investigata;

b) dikjarazzjoni tal-informazzjoni mitluba inkluża x-xorta tagħha u l-forma kif l-iStat Kontraenti jkun irid jirċievi l-informazzjoni mingħand l-iStat Kontraenti mitlub;

ċ) l-għan ta' taxxa li dwaru tkun qegħda tintalab l-informazzjoni;

d) raġunijiet għaliex ikun qed jiġi maħsub li l-informazzjoni mitluba tkun tinsab għand l-iStat Kontraenti mitlub jew tkun fil-pussess jew kontroll ta' xi persuna fil-ġurisdizzjoni tal-iStat Kontraenti mitlub;

e) sakemm ikun magħruf, l-isem u l-indirizz ta' persuna li jkun maħsub li tkun fil-pussess tal-informazzjoni mitluba;

f) dikjarazzjoni li t-talba tkun konformi mal-liġi u ma' kull prattika amministrattiva tal-iStat Kontraenti li jkun qed jagħmel it-talba, li jekk l-informazzjoni mitluba kienet fil-ġurisdizzjoni tal-iStat Kontraenti li jkun qed jagħmel it-talba għaldaqstant l-awtorità kompetenti tal-iStat Kontraenti li jkun qed jagħmel it-talba tkun tista' tikseb l-informazzjoni taħt il-liġijiet tal-iStat Kontraenti li jkun qed jagħmel it-talba jew fil-kors normali tal-prattika amministrattiva u li din tkun konformi ma' dan il- Ftehim;

g) dikjarazzjoni li l-iStat Kontraenti li jkun qed jagħmel it-talba jkun użufruwixxa mill-mezzi kollha disponibbli fit-territorju tiegħu stess biex jikseb l-informazzjoni, ħlief dawk li jagħtu lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

(2) L-informazzjoni mitluba tkun ukoll waħda "li tista' tidher li hi rilevanti" fil-każ ta' talba għal informazzjoni fejn l-isem tal-persuna ma jkunx magħruf u l-awtorità kompetenti li tkun qegħda tagħmel it-talba tikkonferma lill-awtorità kompetenti mitluba li jkollha tassew għaliex tissuspetta li jkunu jeżistu kwistjonijiet ta' taxxa ta' xorta kriminali u li jkunu jinvolvu attiv li jkun jinsab, jew persuni residenti, fl-iStati Kontraenti. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu il-frażi "kwistjonijiet ta' taxxa ta' xorta kriminali" tfisser kwistjonijiet ta' taxxa li jkunu jinvolvu mġiba bil-ħsieb li tista' twassal għal prosekuzzjoni taħt il-liġijiet kriminali tal-iStat Kontraenti li jkun qed jagħmel it-talba.

(3) Meta d-*data* personali jiġu provduti taħt l-Artikolu 26, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet addizzjonali:

a) L-iStat li jkun qed jirċievi d-*data* jista' juża dawk id-*data* biss

għar-raġunijiet dikjarati u jkun soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati mill-iStat li jkun qed jipprovdi d-*data*.

b) L-iStat li jkun qed jirċievi d-*data* għandu jgħarraf, meta jiġi hekk mitlub, lill-iStat li jkun qed jipprovdi d-*data* dwar l-użu tad-*data* provduti u r-riżultati li dan iġib miegħu.

ċ) *Data* personali jistgħu jiġu provduti biss lill-awtoritajiet kompetenti. Kull għoti ieħor li jsir wara lil awtoritajiet oħra jista' jsir biss bl-approvazzjoni bil-quddiem tal-awtorità kompetenti li tkun qegħda tipprovdihom.

d) L-iStat li jkun qed jipprovdi d-*data* jkun marbut li jiżgura li d-*data* li għandhom jingħataw ikunu preċiżi u li jkunu jistgħu jidhru li huma rilevanti u jkollhom proporzjon mal-fini li jkunu qegħdin jingħataw għalih. Għandha tiġi osservata kull projbizzjoni fuq il-provdiment ta' *data* stipulata taħt il-liġi domestika applikabbli. Jekk jirriżulta li jkunu ġew provduti xi *data* mhux preċiżi jew xi *data* li ma kellhomx jingħataw, l-iStat li jkun qed jirċievi d-*data* għandu jiġi mgħarraf b'dan mingħajr ebda dewmien. Dak l-iStat ikun marbut li jsewwi jew iħassar dawk id-*data*.

e) Wara li persuna li jkollha interess tapplika għaldaqstant, hija għandha tiġi mgħarrfa bid-*data* provduti li jkunu jirrigwardawha u kif dawk id-*data* jkunu ser jintużaw. M'għandu jkun hemm ebda obbligu li tingħata din l-informazzjoni jekk kollox ma' kollox jirriżulta li l-interess pubbliku f'li tinżamm din l-informazzjoni ikun bilwisq ikbar mill-interess tal-persuna involuta li tkun ser tirċeviha. F'kull rigward ieħor, id-dritt tal-persuna involuta li tiġi mgħarrfa bid-*data* eżistenti dwarha għandu jiġi regolat bil-liġi domestika tal-iStat Kontraenti li fit-territorju sovran tiegħu ssir l-applikazzjoni għal dik l-informazzjoni.

f) L-iStat li jkun qed jirċievi d-*data* għandu jassumi kull responsabbiltà li tagħtih il-liġi domestika tiegħu dwar kull persuna li ġġarrab danni kontra l-liġi bħala riżultat ta' dak l-għoti taħt l-iskambju ta' *data* li jsir kif stipulat f'dan il- Ftehim. Għar-rigward tal-persuna li ġġarrab id-dannu, l-iStat li jkun qed jirċievi d-data ma jistaqx iqajjem l-eċċezzjoni li d-danni jkunu ġew kaġunati mill-iStat li jkun qed jipprovdi d-*data*.

g) Jekk il-liġi domestika tal-iStat li jkun qed jipprovdi d-*data* tkun tipprovdi dwar dispożizzjonijiet speċjali għat-tħassir tad-*data* personali provduti, dak l-iStat għandu għaldaqstant jgħarraf b'dan lill-iStat li jkun qed jirċievi d-*data*. Irrispettivament minn liġi bħal dik, id-*data* personali provduta għandhom jitħassru ġaladarba dawn ma jkunux aktar meħtieġa għall-fini li jkunu ġew provduti għaliha.

h) L-iStati Kontraenti jkunu marbutin li jżommu *records* uffiċjali tad-*data* personali provduti u riċevuti.

i) L-iStati li jkunu qegħdin jipprovdu u jirċievu d-*data* jkunu marbutin li jieħdu miżuri effettivi biex jipproteġu d-*data* personali provduti b'aċċess mhux awtorizzat, bdil mhux awtorizzat u żvelar mhux awtorizzat.".

Artikolu III

(1) Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat; l-istrumenti tar-ratifika għandhom jiġu skambjati kemm jista' jkun mingħar dewmien f'Berlin.

(2) Dan il-Protokoll għandu jibda jseħħ fid-data tal-iskambju tal-istrumenti tar-ratifika. Fid-data tal-bidu fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu jkun iseħħ fiż-żewġ Stat Kontraenti fuq taxxi miġburin ukoll qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(3) Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim u għandu jibqa' fis-seħħ għal kemm idum iseħħ il-Ftehim innifsu.

MAGĦMUL f'Malta fis-17 ta' Ġunju 2010 f'żewġ oriġinali, kull wieħed fl-ilsien Ġermaniż u dak Ingliż, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

TONIO FENECH	BERND BRAUN
Għar-Repubblika ta' Malta	Għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja